**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Jannar 2022**

**Rikors nru: 563/2021 AGV :**

**AB** rappreżentata mil-mandatarju speċjali l-Avukat Dottor Natalino Caruana De Brincat in forza ta` prokura speċjali datata nhar 16 ta` Settembru 2021.

**CB** detentur tal-karta tal- identità 596981M.

Vs

**X**

Il-Qorti rat ir-rikors ta' konġunt ta` **AB** , rappreżentata mil-mandatarju speċjali l-Avukat Dottor Natalino Caruana De Brincat ta` 19 Triq Giorgio Preca, San Ġwann (Malta) in forza ta` prokura speċjali datata nhar 16 ta` Settembru 2021 u żewġha **CB.** datat 19 ta' Novembru 2021 fejn esponew bir-rispett:

Illi l-partijiet iżżewġu nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u z-żwieġ tagħhom jinsab reġistrat mar-Reġistru Pubbliku ta' Malta, u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok. A;

Illi minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin għal aktar minn erba' snin. Difatti huma legalment separati b`kuntratt redat minn nutar Dottor Ian Castaldi Paris datat nhar l-erbgħa (4) ta` Ġunju tas-sena elfejn u tmintax (2018), liema att qed jiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. B.

Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli, jew remot, għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom ferm aktar minn sentejn ma jgħixu flimkien, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

Illi l-partijiet reċiprokament irrinunżjaw għall-ħlas ta' manteniment mingħand xulxin u għalhekk il-partijiet m'għandhom l-ebda pretensjoni fil-konfront ta' xulxin inkluż ebda ħlas ta' manteniment;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-esponenti jixtiequ li jiġi pronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet;

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilment u reverentament jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1) Tiddikjara u Tiddeċiedi li ż-żwieġ ta` bejn il-partijiet iċċelebrat nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u ħmistax (2015) huwa maħlul u għalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;

2) Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu iffissat minn din l-istess Onorabbli Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall

taż-żwieġ bejn il-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, kif ukoll li jagħmel id-debita korrezzjoni fiċ-ċertifikat taż-żwieġ;

Bl-ispejjeż kollha ikunu akkollati ugwalment bejn il-partijiet u bl-inġunzjoni tal-konvenuta minn issa għas-subizzjoni.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**